## QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 8 ta' Lulju 2020**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Numru:- 88/2018 JVC**

**Emanuel Portelli (ID 47948M) u Rita Portelli (ID 163459M)**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi u b'digriet tal-15 ta' Novembru 2018 gie kjamat fil-kawza l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors fejn ir-rikorrenti Emanuel Portelli et ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi permezz ta' skrittura privata tat-28 ta' Ottubru 1987 l-esponenti Emanuel Portelli obbliga ruhu versu George Borg, Carmen Borg, John Emanuel Micallef u Marianne Micallef sabiex jiffirma konvenju fejn jintrabat li jbiegh u jittrasferixxi lilhom erba' plots bin-numri 53, 54, 55 u 56 formanti parti mill-artijiet ta' Xkora, Triq il-Kbira, Mosta versu l-prezz ta' Lm 7,000 ekwivalenti ghal €16,305.61 liema proprjeta` kienet parafernali tar-rikorrenti Emanuel Portelli (Dok A).

2. Illi din l-iskrittura kienet soggetta ghall-kondizzjoni illi tigi deciza favur Emanuel Portelli, l-kawza li kien hemm pendenti fil-Qorti tal-Kummerc bejnu u bejn certu John Debono;

3. Illi effettivament il-kawza fuq imsemmija giet kancellata mill-Qorti tal-Kummerc fis-16 ta' April 1991 u ghalhekk l-esponenti tenna illi galadarba ma kienx hemm decizjoni fl-imsemmija kawza, l-effetti tal-iskrittura fuq imsemmija kienu spiccaw.

4. Dan l-aspett gie kontestat u giet istitwita kawza minn George Borg proprio et nomine kontra Emanuel Portelli (Citazz 1764/93) fejn ir-rikorrenti talbu li l-Qorti tordna l-iffirmar tal-imsemmi konvenju.

5. Illi b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Novembru 2007, it-talba giet michuda izda tali decizjoni giet revokata mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu 2010 (Dok. B) fejn il-Qorti ordnat li jsir il-konvenju skont il-kundizzjonijiet imposti minnha u hatret lin-Nutar Dr Roland Wadge sabiex jsir l-konvenju opportun u Dr Anthony Cutajar bhala

kuratur ghall-eventwali kontumaci, u iffissat id-data tat-22 ta' April 2010 ghall-iffirmar tal-konvenju;

6. Sussegwentement l-esponenti intavolaw proceduri ta' ritrattazzjoni li gew decizi kontra taghhom permezz ta' sentenza tal-15 ta' Lulju 2010 fejn rega gie ordnat l-iffirmar tal-konvenju. (Dok C);

7. L-eventwali kuntratt ta' trasferiment fil-fatt gie ppublikat fil-5 ta' Awwissu 2010 u l-esponenti ma ffirmawx izda ffirma l-kuratur ghall-kontumaci (Dok D);

8. Illi sussegwentement ghal dan il-kuntratt, wara li t-trasferiment gie debitament notifikat lill-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi hareg kont kontra l-esponenti bhala taxxa addizzjonali fl-ammont ta' €31,080 liema taxxa addizzjonali hija kwazi d-doppju tal-prezz fuq imsemmi (Dok E);

9. Illi r-rikorrenti Rita Portelli m'ghandha x'taqsam xejn f'din il-vertenza u dan stante illi l-proprjeta` fuq imsemmija hija proprjeta` parafernali ta' zewgha u hi m'ghandha l-ebda sehem fiha u dan kif jirrizulta mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Patrick Critien, datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru 1984 fejn Emanuel Portelli kien akkwista l-art in kwistjoni, liema kuntratt t'akkwist sar qabel iz-zwieg bejn Emanuel u Rita Portelli. (data taz-zwieg 7 ta' Dicembru 1985);

10. Illi huma intavolaw appell kontra d-decizjoni mehuda mill-Kummissarju tat-Taxxi quddiem it-Tribunal Amministrattiv, liema Tribunal permezz ta' sentenza tat-22 ta' Jannar 2015 cahdet l-appell interpost mill-esponenti (Dok F).

11. Illi wara dan l-esponenti regghu gew mitluba li jhallsu l-imsemmija multa bl-ispejjez u bl-interessi u l-esponenti opponew billi jikkontendu li din it-talba tilledi d-drittijiet fondamentali taghhom (Dok G).

12. Illi fir-rigward ta' Rita Portelli, giet imposta fuqha multa meta hija m'ghamlet assolutament xejn. Hija ma kellha ebda involviment fil-bejgh:
   - Il-proprjeta' kienet parafernali tar-ragel,
   - L-iskrittura li eventwalment wasslet ghall-kawzi li bis-sahha taghhom sehh il-konvenju u eventwali att ta' bejgh, ma kinetx iffirmata minn Rita Portelli izda biss mir-ragel stante li kif diga ntqal hija ma kellha ebda titolu fuq l-art in kwistjoni,
   - U hi ma bieghet assolutament xejn,
   - Ma dahhlet ebda rikavat

   Konsegwentement fuq din l-bazi ma kellha tigi imposta l-ebda multa fuqha.

13. Illi l-esponenti jtennu illi l-impozizzjoni tal-imsemmija multa tikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fondamentali kif sanciti fl-Artikolu 1, Protokoll 1, Artiklu 6 u Artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar d-Drittijiet Fondamentali.

14. Illi huwa manifest ukoll li l-esponenti Emanuel Portelli gie penalizzat ghall-fatt li kien qed jikkontesta l-effikacja o meno tal-imsemmija skrittura privata. Minhabba d-dewmien fil-proceduri gudizzjarji u *l-iter* li ha l-kors kollu, dan wassal illi skrittura (wieghda ta' konvenju) li giet ffirmata fil-1987, giet finalizzat f'kuntratt fl-2010.

15. L-esponenti mhux qed jargumentaw kontra d-dritt ta' impozizzjoni tal-boll ossija taxxa fuq dokumenti (bhala pure tax) u dan billi tali boll jithallas u effettivament thallas mill-kompratur. Emmanuel Portelli, *qua* venditur m'huwiex obbligat ihallas tali taxxa.

16. Huma qed jilmentaw wkoll dwar il-fatt illi huma gew penalizzati b'imposizzjoni ta' multa penali fil-forma ta' taxxa addizzjonali intortament specjalment fid-dawl tal-fatt illi kuraturi deputati ffirmaw il-kuntratt f'isem kemm Emmanuel Portelli kif wkoll f'isem Rita Portelli u dan fuq ordni tal-Qorti u fil-fatt huma ma kellhom ebda ghazla fl-affari – riedu jew ma riedux, il-bejgh kien ordnat mill-Qorti li ordnat wkoll li dan jsir bil-prezz indikat fil-wieghda ta' konvenju tal-1987. Umilment jossottomettu illi m'ghandhomx jigu ppenalizzati minn organi differenti tal-iStat talli sar bejgh ghal dak il-prezz. Dan japplika kemm fil-konfront ta' Emmanuel Portelli u *multo magis* fil-konfront ta' Rita Portelli.

17. Illi kwalunkwe interferenza fid-dritt ta' proprjeta' sancit mill-Artikolu 1, Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja jista jirrizulta biss meta jigu sodisfatti tlett elementi u cioe` li l-iStat jista' jinterferixxi fid-dritt ta' proprjeta' ta' individwu a bazi ta' ligijiet sanciti fl-iStat partikolari, barra minn hekk, dan ghandu jsir b'ghan legittimu u finalment, tali intereferenzi m'ghandhomx joholqu piz eccessiv u sproporzjonat fuq l-individwu.

18. Illi fil-fehma umli tal-esponenti, fil-kaz de quo, tali multa penali tohloq piz eccessiv u sproporzjonat minhabba l-fatt li l-esponenti ma ghamlu xejn hazin. Il-multa penali huma

relatati ma hlas ta' taxxa (boll) li tithallas mill-kompratur u ghalhekk m'ghandux jehel l-venditur partikolarment fejn jirrizulta li l-prezz fuq il-kuntratt huwa verament dak pattwit.

19. Apparti dan il-multa penali f'forma ta' taxxa addizzjonali hija eccessiva billi hija izjed mir-rikavat mill-bejgh tal-proprjeta' bil-konsegwenza li l-esponenti, jekk ihallsu dak mitlub, ikollhom johorgu flus minn sorsi ohra stante li d-dhul mill-bejgh tal-proprjeta` ma hux bizzejjed sabiex jaghmel tajjeb ghall-hlas tal-multa penali.

20. Apparti l-fatt li l-multa penali hija manifestament ezagerata stante li din hija kwazi d-doppju tal-prezz tal-bejgh, fil-kaz tal-esponenti Emmanuel Portelli huwa kien originarjament iffirma l-iskrittura izda sussegwentement, semplicement ha passi sabiex jikkawtela l-interessi tieghu skont il-ligi. Il-prezz kien wiehed verament pattwit u huwa verament dak l-ammont kif indikat fil-kawza fuq imsemmija, l-ammont li dahhal mill-bejgh tal-proprjeta` u ghalhekk qed ihoss illi huwa gie penalizzat tal-fatt li huwa kien qed jikkontesta l-effikacja o meno tal-imsemmija skrittura.

21. Illi skont diversi sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, multa amministrattiva simili titqies bhala mizura ta' natura kriminali u fil-kaz odjern, apparti li tali multa m'ghandhiex tigi imposta, hija wkoll nieqsa mill-element ta' proporzjonalita'.

22. Fil-kaz de quo, din hija ta' rilevanza qawwija fir-rigward taz-zewg rikorrenti izda izjed ukoll fil-konfront tar-rikorrenti Rita Portelli, dan minhabba l-fatt illi giet imposta

fuqha sanzjoni li tista' titqies bhala mizura punitiva stante li anke fil-kaz odjern l-multa tammonta ghal ferm izjed mill-prezz li ghalih inbieghu l-proprjetajiet in kwistjoni, apparti ghall-fatt illi Rita Portelli, la kellha titolu fuq din il-proprjeta`, stante li din kienet proprjeta` parafernali ta' zewgha, la hadet xejn mir-rikavat tal-bejgh stante li anke r-rikavat kien proprjeta` parafernali ta' zewgha u ghalhekk kienet estraneja ghal kollox ghat-trasferiment li ghalih giet imposta t-taxxa u l-penali. Illi apparti dan l-esponenti Emmanuel Portelli uza l-mezzi kollha legali sabiex jipprova johrog mill-ftehim. Huwa ma ghamel xejn hazin u ma kien hemm ebda lok ta' imposizzjoni ta' multa penali f'ghamla ta' taxxa addizzjonali fuqu u dan specjalment tenut kont tal-fatt li huwa kien marbut b'ordni tal-Qorti sabiex il-proprjeta` tinbiegh ghal dak il-prezz;

23. Illi apparti dan, l-esponenti ikkontestaw l-imposizzjoni ta' din il-multa. Il-ligi tikkontempla li l-intimat ghandu dritt jezigi minghand l-kompratur taxxa addizjonali (boll) fuq d-differenza bejn l-prezz imsemmi fil-kuntratt u l-valur tal-proprjeta` fid-data meta l-kuntratt gie notifikat mill-intimat. Hekk gara fil-kaz odjern.

24. Pero l-konsegwenza hija li awtomatikament, s-sistema tohrog multa addizzjonali kemm kontra l-kompratur kif wkoll kontra l-venditur u, jekk ma tigix kontestata t-taxxa intrinsika (boll), ma tistghax tigi kontestata l-multa addizzjonali;

25. Certament l-imposizzjoni tal-multa addizzjonali kienet ta' natura kemm deterrenti kif ukoll punitiva pero din ma kellhiex tigi applikata kontra l-esponenti. It-Tribunal

Amminstrattiv fis-sentenza tieghu qal li a bazi al-valutazzjoni l-Kummissarju tat-Taxxi ddetermina li fuq it-trasferiment in kwistjoni hija dovuta taxxa pura (u cioe l-boll) ulterjuri ta' EUR31,080 u konsegwentement hija dovuta mir-rikorrenti qua vendituri multa penali fil-forma ta' taxxa addizzjonali ta' EUR31,080.

26. It-Tribunal imbaghad kompla jispjega li ladarba l-Kummissarju tat-Taxxi jkun stabbilixxa illi l-valur tal-immobbli iddikjarat fil-kuntratt huwa inqas minn 85% tal-valur reali u allura jkun hemm imposizzjoni ta' hlas ta' taxxa addizzjonali mill-kompratur bhala dak li kien ikun dovut bhala boll isegwi li anke l-venditur ikollu jhallas tali taxxa addizzjonali.

27. Illi minn hekk deher car li ma kienx hemm l-possibilita li tigi kontestata l-multa addizzjonali meta ma tigix kontestata t-taxxa (boll) jew meta tigi kontestata bla success. L-esponenti certament ma kellhomx mens rea. A dirittura Emmanuel Portelli uza kull mezz legali sabiex jipprova jzomm l-kuntratt milli jsir filwaqt li Rita Portelli ma kellha assolutament ebda involviment f'din il-proprjeta`.

28. Illi konsegwentement jigi umilment sottomess illi t-talba tal-intimat fuq imsemmija fil-konfront tar-rikorrenti kif wkoll d-decizjonijiet kollha li jmorru wara din it-talba huma lesivi tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sancici bl-Art 1, Prot 1, Art 6 u Art 7 tal-imsemmija Konvenzjoni.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) Tiddikjara u tiddeciedi illi ghar-ragunijiet premessi gew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti kif sanciti bl-Art 1 Prot 1, Art 6 u Art 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja

(ii) Taghti rimedju xieraq u effettiv kompriz pero m'hux limitat ghat-thassir tat-talbiet tal-intimat kontra l-esponenti kif wkoll, jekk ikun il-kaz ta' kull decizjoni relattiva ghal istess, kif wkoll tikkundanna li l-intimat jigi kundannat jhallas kumpens rappresentanti danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti li jigi hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni'.

Rat ir-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi li eccepixxa kif isegwi:

'1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-gudizzju ma huwiex integru billi ma huwiex il-Kummissarju intimat illi jirrapprezenta lill-Gvern f'qasam fejn qeghda tigi attakkata l-kostituzzjonalita' tal-Ligi;

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju, fil-kaz odjern, kull ma ghamel l-intimat hu li mplimenta l-Ligi li kienet vigenti fiz-zmien ta' meta sar il-kuntratt ta' komprovendita in kwistjoni u d-decizjoni mehuda mill-Kummissarju intimat meritu ta' dan ir-Rikors giet mehuda entro d-dettami tal-Ligi applikabbli (Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta) tant illi dan huwa konfermat permezz ta' sentenza moghtija mit-Tribunal Ta' Revizjoni Amministrattiva deciza fl-ismijiet premessi fit-22 ta' Jannar, 2015, liema sentenza ghaddiet in gudikat 3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni odjerna hija

intempestiva stante li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji kollha disponibbli ghalihom konsistenti f'appell mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva moghtija fit-22 ta' Jannar 2015, Rik nru 21/2012, fl-ismijiet *Emanuel Portelli et vs Kummissarju tat-Taxxi Interni* billi minkejja illi appellaw mid-decizjoni msemmija, abbandunaw l-istess proceduri ta' appell tant illi dan l-appell mar dezert fid-19 ta' Dicembru 2017 (kopja informali tal-provvedimenti relattiv mghoti mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Dicembru 2017 qieghed jigi hawn anness bhala Dok A);

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat Kummissarju jirrileva illi ma sehh l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali sanciti fl-Artikolu 1 tal-Protokol 1, u l-Artiokli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittiiet tal-Bniedem kif allegaw ir-rikorrenti u ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom ghar-ragunijiet segwenti, kif ukoll dawk illi ser jirrizultaw fil-mori tal-proceduri odjerni;

5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat Kummissarju jirrileva illi ma sehh l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali sanciti fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar d-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tat-taxxa addizzjonali mposta, kif gie hekk allegat mir-rikorrenti u dan stante l-fatt illi l-Kummissarju tat-Taxxi huwa marbut ma' dak dispost fil-Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (L.S. 364.06), u cioe' li l-valur ta' kull proprjeta' soggetta ghat-taxxa skont l-Att mghoddija bi trasferiment *inter vivos* ghandu jkun il-valur ta' dik il-proprjeta' fid-data tat-trasferiment *inter vivos*, liema valur ghandu jkun il-prezz medju li dik il-proprjeta' kienet iggib li kellha tinbiegh fis-suq liberu f'dik

id-data, u li fuqu jkollha tinhadem u tithallas it-taxxa kemm-il darba dan jirrizulta li huwa oghla mill-prezz imhallas ghat-trasferiment, , u li d-decizjoni li l-Kummissarju intimat ha fil-konfront tar-rikorrenti u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa huma gusti u saru skond il-Ligi, tant illi t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fis-sentenza surreferita kkonferma l-istess decizjoni tal- intimat Kummissarju. Inoltre, il-Kummissarju intimat fl-ebda hin ma beda jew jista' jibda proceduri kriminali kontra r-rikorrenti stante illi persuna li fil-konfront taghha tinhareg likwidazzjoni ai termini tal-Kap. 364 bl-ebda mod ma tkun qed tigi akkuzata b'reat kriminali ;

6. Illi ghaldaqstant u minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa argument insostenibbli tar-rikorrenti li jippruvaw jinqdew bil-fatt li t-trasferiment in kwistjoni gie ordnat b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "George Borg pro et noe et vs Emanuel Portelli et" sabiex jiskartaw l-obbligazjonijiet fiskali li johorgu mil-Ligi specjali applikabbli ghall-kaz in kwistjoni, ossia l-Kap 364 u l-legislazzjoni sussidjarja relattiva. Fis-sentenza li permezz taghha giet ordnata l-ezekuzzjoni tal-iskrittura privata tal-1987, il-Qorti ma dahlitx fil-kwistjoni tal-valur reali tal-proprjeta' fid-data tat-trasferiment izda semplicement ordnat l-ezekuzzjoni tal-iskrittura bil-prezz li kien gie pattwit bejn il-partijiet u dan bl-ebda mod ma jfisser li l-valur tal-proprjeta fid-data tat-trasferiment m'ghandux jigi kkunsidrat ghall-finijiet tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta ;

7. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat Kummissarju jirrileva illi dwar l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali sanciti fl-Artikolu 1 tal-Protokol 1, u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-konfront tar-rikorrenti kkawzat mid-dewmien li sehh tramite l-proceduri legali istitwiti fl-ismijiet "George Borg pro et noe et vs Emanuel

Portelli et" (Citazz. Nru 1764/93), hija ghal kollox guridikament insostenibbli stante illi l-Kummissarju intimat ma kienx parti u lanqas kellu interess guridiku li jkun parti fil-kawza riferuta u ghaldaqstant huwa ma jahti ghall-ebda allegat dewmien li r-rikorrenti jaccennaw dwaru biex jittentaw jiggustifikaw il-pretensjoni taghhom li jigu ezonerati milli jaderixxu ruhhom ma' dak dispost fil-Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta u mad-decizjoni moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva datata 22 ta' Jannar 2015, liema decizjoni giet reza *res judicata* wara li r-rikorrenti abbandunaw l-proceduri ta' l-Appell relattiv;

8. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni vantata mir-rikorrenti Rita Portelli fis-sens illi m'ghandiex tkun tenuta thallas it-taxxa addizzjonali in kwistjoni abbazi tal-fatt illi l-proprjeta' ttrasferita in kwistjoni kienet proprjeta' parafernali ta' zewgha r-rikorrenti Emanuel Portelli, tali lment huwa legalment insostenibbli billi ai temini tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kwalunkwe rikavat mil-bejgh ta' proprjeta' minn konjugi wiehed meta z-zwieg tal-konjugi ikun regolat bir-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti jitqies ghal-finijiet u effetti kollha tal-Ligi bhala parti mil-komunjoni ta' l-akkwisti. Immaterjalment minn x'gara o meno minn dan ir-rikavat, l-istess rikavat kien jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-konjugi Portelli u ghalhekk ir-rikorrenti Rita Portelli kellha dritt ghal sehmha minn dan ir-rikavat daqskemm kellu dritt ghal sehmu r-rikorrent Emanuel Portelli;

9. Illi fid-dawl ta' dan kollu, jigi rilevat ukoll, illi l-intimat Kummissarju mhux tenut ihallas l-ebda forma ta' kumpens pekunjarju jew non-pekunjarju lir-rikorrenti u jichad kwalunkwe responsabilita' fir-rigward billi l-intimat Kummissarju agixxa entro l-parametri tal-Ligi rilevanti u applika dak dispost fil-Ligi b'mod korrett kif del resto anki t-Tribunal ta' Revizjoni

Amministrattiva qies, meta ra li ma kien hemm ebda raguni li kellha twasslu biex ihassar, jirrevola u jannulla d-decizjoni tal-intimat Kummissarju datata 30 ta' Jannar 2012 fil-konfront tar-rikorrenti. Ghaldaqsant, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;'.

Rat illi b'ordni kontenuta fil-verbal tal-15 ta' Novembru, 2018 din il-Qorti diversament preseduta ordnat il-kjamata fil-kawza tal-Avukat Generali llum Avukat tal-Istat.

Rat ir-Risposta tal-kjamat in kawza l-Avukat Generali li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qeghdin jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom sanciti bl-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kif ukoll l-artikolu 6 u l-artikolu 7 tal-istess Konvenzjoni u dan peress illi l-Kummissarju tat-Taxxi qieghed jitlob il-hlas minghandhom ta' taxxa addizzjonali fl-ammont ta' €31,080 liema taxxa addizzjonali hija oghla mill-prezz li bih huma trasferixxew proprjeta' li kienet tappartjeni lil Emanuel Portelli.

2. Illi l-pretensjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti minn din l-Onorabbli Qorti u dan ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:

1. Illi preliminarjament l-esponet jecepixxi l-inapplikabbilita' tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-

Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan peress illi l-fatti specie tal-kaz odjern ma jirrigwardawx disputa quddiem xi tribunal jew Qorti. Hawnhekk si tratta ta' taxxa imposta mill-Kummissarju tat-Taxxi nterni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jikkontemplax kwistjonijiet ta' jekk impozizzjoni ta' taxxa addizzjonali tistax tkun aktar oghlja mir-rikavat tal-bejgh u ghaldaqstant dan l-artikolu mhuwiex applikabbli ghall-kaz odjern;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponent jecepixxi illi l-fatti ta' dan il-kaz ma jindikaw ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Illi f'dan ir-rigward l-esponent jirrileva illi l-iskop tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huwa intiz li jassigura li matul il-process gudizzjarju il-persuna in kwistjoni tkun inghatat smiegh xieraq u kellha l-opportunita' xierqa illi jippartecipa b'mod effettiv fil-proceduri. L-artikolu 6 huwa artikolu li jitratta l-procedura fl-intier taghha li tkun giet uzata sabiex il-Qorti tasal ghas-sentenza taghha. Fil-kaz odjern ma jidhirx illi hemm xi lment ta' dan it-tip;

3. Illi fir-rigward tal-procedura li ntuzat fil-kaz odjern ma jirrizultax illi kien hemm xi nuqqasijiet li wasslu jigi lez id-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq. Fil-kaz odjern jirrizulta illi r-rikorrenti inghataw il-fakulta' li jikkontestaw l-impozizzjoni ta' taxxa addizzjonali kemm permezz ta' oggezzjoni maghmula lid-Dipartiment tat-Taxxi stess kif ukoll permezz ta' proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u allura altru milli kien hemm smiegh xieraq;

4. Illi l-esponent jecepixxi wkoll in-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedju ordinarju minn naha tar-rikorrenti u dan peress illi r-rikorrenti abbandunaw l-appell taghhom mis-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, liema appell jahseb ghalih l-artikolu 59 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi l-esponent jecepixxi wkoll illi din l-Onorabbli Qorti fis-sede Kostituzzjonali taghha ma tistax isservi bhala Qorti tat-tielet grad. Jekk ir-rikorrent mhux qieghed jaqbel mar-ragunament jew mad-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tat-22 ta' Jannar 2015 fejn cahdet l-appell tieghu mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi nterni, ma jistax jittanta jipprova juza dawn il-proceduri biex iddawwar decizjoni li llum il-gurnata tikkostitwixxi *res judicata* u dan peress illi l-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ma tistghax isservi bhallikieku kienet qorti tat-tielet grad ta' appell. F'dan ir-rigward l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza **Raymond Zammit vs l-Avukat Generali**[1] deciza fis-27 ta' Marzu 2013 fejn din l-Onorabbli Qorti ddecidiet hekk:

*"... il-Qorti tghid illi persuna huwa prekluz milli jirrikorri ghal din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha bhallikieku kienet qorti tat-tielet grad ta' appell. Fis-sentenza taghha tat-28 ta' Dicembru 2001 fil-kawza "Fatiha Khallouf vs Kummissarju tal-Pulizija et" din il-Qorti (PAK/VDG) qalet hekk –*

*"... F'dana l-paragrafu – riprodott aktar 'l fuq f'dina s-sentenza – ir-rikorrenti bazikament qed tallega li l-aggravju sollevat minnha quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali dwar l-inammissibilita' tal-provi dokumentarji gie skartat minn dik il-Qorti. L-intimati*

[1] Rikors Numru 57/2013

*jikkontendu, kemm fir-rispsota taghhom (ara l-paragrafu 2 tar-risposta, aktar 'l fuq f'din is-sentenza) kif ukoll fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, li din il-Qorti - cioe` il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali – m'ghandhiex il-funzjoni ta' "a court of third instance", fis-sens li terga' tirrevedi l-meritu tal-kawza ga deciza finalment mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali;*

*L-intimati ghandhom ragun meta jikkontendu li din il-Qorti m'ghandhiex il-funzjoni ta' qorti ta' appell f'xi grad oghla mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali . Ma hix il-funzjoni ta' din il-Qorti li tiddeciedi fuq jew tirrevedi il-provi mressqa quddiem il-Qorti Rimandanti u ezaminanti minn dik il-Qorti u finalment mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali; anqas ma hu l-kompitu ta' din il-Qorti li tirrevedi d-decizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali dwar l-interpretazzjoni tal-ligi applikabbli ghall-proceduri li dik il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha quddiemha, jew dwar l-interpretazzjoni ta' xi punt ta' dritt ta' natura strettament penali (bhalma hi, per ezempju, il-kwistjoni ta' l-ammissibilita` o meno ta' certi provi). Il-funzjoni ta' din il-Qorti hi limitata biex tara jekk gewx lezi o menu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea (kif ukoll, kieku kien il-kaz, jekk hemmx lezjoni tas-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 10 tal-Kap. 276 – ara l-Artikolu 16 tal-imsemmi Kap. 276)."*

Illi bl-istess analogija, din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex il-funzjoni ta' qorti ta' appell li tisma' appelli ta' natura civili u ghaldaqstant ir-rikorrent lanqas ma jista' jirrikorri ghal din l-Onorabbli Qorti bhallikieku kienet qorti tat-tielet grad ta' appell u jitlob lill-Qorti sabiex taghmel analizi gdida tal-provi li gew sottomessi fil-kawza civili;

6. Illi fir-rigward tal-fatt illi t-taxxa qeghdha tigi mitluba anke minghand ir-rikorrenti Rita Portelli, l-esponent jecepixxi illi dan il-fatt wahdu ma jaghti lok ghall-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u r-rikorrenti kellha l-mezzi disponibbli ghaliha biex tikkontesta din id-decizjoni jekk hasset li mhijiex wahda gusta;

7. Illi minghjar pregudizzju, l-esponent jecepixxi wkoll illi t-taxxa qeghdha tigi mitluba minghand Rita Portelli wkoll peress illi hija wkoll kienet indikata bhala 'persuna li qeghdha titrasferixxi' fuq in-notifika ta' trasferiment li giet sottomessa lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni min-nutar tar-rikorrenti;

8. Illi lanqas ma jirrizulta mill-fatti ta' dan il-kaz xi tehid ta' proprjeta' jew xi interferenza mad-dritt tal-proprjeta' kif protett bhala dritt fondamentali u dan billi l-fatti tal-kaz (kif jirrizultaw mir-rikors promotur) juru biss obbligu ta' trasferiment ta' proprjeta' in esekuzzjoni ta' ftehim maghmul volontarjament mir-rikorrenti stess. Dan il-punt giet trattat u deciz fis-sentenza Emanuel u Rita mizzewgin Portelli vs Avukat Generali et[2] fit-22 ta' Frar 2013 fejn il-Qorti ma sabet ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghaldaqstant safejn l-ilment jirrigwarda dak il-punt, l-esponent jecepixxi illi dak illum jikkostitwixxi *res judicata* u din il-Qorti m'ghandiex terga' tiftah dik il-kwistjoni;

[2] Rikors Numru 49/2010/1

9. Illi l-impozizzjoni ta' taxxi addizzjonali bl-ebda mod ma tista' titqies illi b'xi mod tilledi d-dritt tar-rikorrenti kif sancit bl-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

10. Illi l-prezz ta' Lm7,000 ekwivalenti ghal €16,305.61 li bih gew trasferiti l-plots ta' art mertu tal-kaz odjern ma gewx imposti mill-istat jew mill-Qorti izda kien prezz pattwit b'mod liberu bejn il-partijiet inkluz ir-rikorrent Emanuel Portelli fl-iskrittura privata t-28 ta' Ottubru 1987 u ghalhekk kwalunkwe decizjoni fir-rigward tal-proprjeta' taghhom ittiehdet mir-rikorrenti stess u ma kien hemm ebda impozizzjoni jew interferenza da parti tal-Istat;

11. L-esponent jecepixxi wkoll illi kien hemm t-tul ta' zmien ghall-adempiment tal-obbligazzjoni bil-konsegwenza li sussegwentement giet imposta taxxa addizzjonali sehh minhabba li r-rikorrenti ma riedux jirrispettaw l-istipulazzjonijiet li dahlu ghalihom fil-mument meta fil-fatt kellhom jonorawhom. Ma jistghux issa jilmentaw li d-dritt taghhom kif sancit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll gie lez u li l-Istat b'xi mod interferixxa fid-dritt taghhom kif sancit b'dan l-artikolu;

12. Illi jsegwi ghalhekk li d-decizjoni tal-Kummissarju li jimponi taxxa addizzjonali skont il-ligi certament illi ma jistax jitqies illi jikser id-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif sancit bl-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

13. Illi fir-rigward tal-allegat ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, l-esponent isostni illi l-ilment tar-rikorrenti taht dan l-

artikolu ma giex imfisser. Madanakollu minn dak li jista' jifhem l-esponent, jidher illi l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni lanqas ma huwa applikabbli ghall-kaz odjern u dan peress illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qeghdin jilmentaw mill-ammont ta' taxxa addizzjonali li giet imposta fuqhom mentri l-artikolu 7 jikkontempla sitwazzjoni ghal kollox differenti u cioe sitwazzjoni fejn persuna tkun instabet hatja ta' reat li fiz-zmien li wettqitu ma kienx jikostititwixxi reat. Dak li qed jghid l-artikolu 7 huwa li ma tistax persuna tinstab hatja ta' att li ma jkunx jikkostitwixxi reat kriminali meta tkun wettqitu. Dan certament li mhuwiex il-kaz fil-kaz odjern;

14. Illi ghalhekk ma jirrizulta ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u ebda forma ta' kumpens ma hija dovuta lill-istess rikorrenti;

15. Salv eccezzjonijiet ulterjuri'.

Rat l-affidavits, xiehda, kuntratti, sentenzi, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 2019 fuq talba tad-difensur tal-intimati, din il-Qorti kif diversament preseduta, ordnat l-allegazzjoni tal-atti fl-ismijiet George Borg pro et noe -vs- Emanuel Portelli et – Citazzjoni numru 1764/1993 – deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Lulju, 2010, kif ukoll, l-atti fl-ismijiet Emanuel Portelli et -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni - Citazzjoni numru 21/2012GV deciza mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fit-22 ta' Jannar, 2015 u rat l-atti kollha hekk allegati;

Rat illi b'digriet tal-20 ta' Frar, 2020 saret korrezzjoni fl-isem tal-kjamat fil-kawza biex minn dak ta' Avukat Generali gie mibdul ghal Avukat tal-Istat;

Rat illi fl-istess verbal tal-20 ta' Frar, 2020 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghallum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-atturi Emanuel Portelli u Rita Portelli jilmentaw minn vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom kif sanciti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

Illi l-atturi konjugi Portelli jsostnu li bil-kont tal-Kummissarju tat-Taxxi datat 31 ta' Jannar, 2012 kont numru IV121625 (IRS20107471) fl-ammont ta' wiehed u tletin elf u tmenin ewro (€31,080) (ara kont a fol. 27 tal-process) rapprezentanti taxxa addizzjonali mahruga in segwitu ghall-kuntratt ta' bejgh ta' erba' plots bin-numri 53, 54, 55 u 56 formanti parti mill-art maghrufa bhala "Ta' Xkora" fi Triq il-Kbira, Mosta liema bejgh gie ordnat mill-Qorti ta' l-Appell permezz ta' decizjoni datata 26 ta' Marzu, 2010 (ara decizjoni a fol. 7 *et seq* tal-process) u kkonfermata fi procedura ta' ritrattazzjoni b' decizjoni tal-15 ta' Lulju, 2010 (ara decizjoni a fol. 14 *et seq* tal-process), gew lezi d-drittijiet fondamentali taghhom. Primarjament l-atturi jilmentaw mill-fatt li l-attrici Rita Portelli ma

kellha l-ebda involviment fil-bejgh stante li l-proprjeta' kienet wahda parafernali tar-ragel u difatti l-iskrittura li waslet ghal kawzi ma kinitx iffirmata mill-attrici Rita Portelli u fuq din il-bazi jishqu li ma kellha tigi mposta l-ebda multa fuq l-istess Rita Portelli. L-atturi jargumentaw ukoll illi huma gew penalizzati bl-imposizzjoni tal-multa penali fil-forma ta' taxxa addizzjonali u dan intortament specjalment fid-dawl li huma ma kellhom l-ebda ghazla stante li l-bejgh gie ordnat mill-Qorti li kellu jsir bil-prezz indikat fil-weghda ta' konvenju tal-1987. Skonthom din il-multa penali tohloq piz eccessiv u sproporzjonat minhabba l-fatt li l-esponenti m'ghamlu xejn hazin ikkunsidrat li l-prezz pattwit kien verament dak indikat fil-kuntratt tal-5 ta' Awwissu, 2010 fl-atti tan-Nutar Roland Wadge a fol. 25 *et seq* tal-process. In oltre jsostnu li l-multa penali f'forma ta' taxxa addizzjonali hija eccessiva billi hija izjed mir-rikavat mill-bejgh tal-proprjeta'. Jinsistu li l-prezz tal-bejgh indikat fil-kuntratt tal-5 ta' Awwissu, 2010 fl-atti tan-Nutar Roland Wadge kien il-prezz verament pattwit u ghalhekk l-attur jghid li huwa qed ihoss li gie ppenalizzat ghall-fatt li huwa kien qed jikkontesta l-effikacja o meno tal-imsemmija skrittura kif kellu dritt fil-Qrati. Jishaq li skont diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea multa amministrattiva simili hija meqjusa bhala mizura ta' natura kriminali u fil-kaz odjern apparti li m'ghandiex tigi mposta, hija wkoll nieqsa mill-element ta' proporzjonalita'.

Illi l-konvenut Kummissarju tat-Taxxi primarjament ressaq tlett (3) eccezzjonijiet preliminari li jikkonsistu filli (i) l-gudizzju m'huwiex wiehed integru stante li l-Kummissarju tat-Taxxi m'huwiex l-intimat li jirrapprezenta lill-Gvern f'qasam fejn tigi attakkata l-kostituzzjonalita ta' Ligi; (ii) kull ma ghamel il-Kummissarju huwa li mplimenta l-Ligi li kienet vigenti fiz-zmien tal-kuntratt ta' komprovendita senjatament l-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta tant li dan gie kkonfermat b'sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni

Amministrattiva datata 22 ta' Jannar, 2015 liema sentenza llum ghaddiet in gudikat; u (iii) l-azzjoni odjerna hija wahda intempestiva stante li l-atturi ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji disponibbli konsistenti f'appell mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva moghtija fit-22 ta' Jannar, 2015 fl-ismijiet *Emanuel Portelli et -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni* billi malgrad li appellaw mill-istess decizjoni huma abbandunaw l-procedura bil-konsegwenza li l-appell mar dezert fid-19 ta' Dicembru, 2017. Fil-mertu eccepew fost affarijiet ohra li ma sehh l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali sanciti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u l-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez. Jeccepixxi li l-Kummissarju intimat f'cirkostanzi bhal fil-kaz odjern huwa marbut ma' dak dispost fil-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (L.S. 364.06) u cioe' l-valur ta' proprjeta' ghandu jkun dak fid-data tat-trasferiment *inter vivos*, il-prezz medju li dik il-proprjeta' kienet iggib li kellha tinbiegh fis-suq liberu f'dik id-data kemm-il darba jirrizulta li huwa oghla mill-prezz imhallas ghat-trasferiment. L-intimat Kummissarju sostna li ghalhekk huwa argument insostenibbli li l-atturi jippruvaw jinqdew bil-fatt li t-trasferiment in kwistjoni gie ordnat b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell sabiex jiskartaw mill-obbligazzjonijiet fiskali li johorgu mill-Ligi. Il-Kummissarju intimat jeccepixxi wkoll li fir-rigward l-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali sanciti bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea hija ghal kollox guridikament insostenibbli stante illi l-Kummissarju intimat ma kienx parti u lanqas kellu interess guridiku li jkun parti u ghalhekk huwa ma jahti ghal ebda dewmien. Fir-rigward l-allegazzjoni li l-attrici Rita Portelli m'ghandiex tkun tenuta thallas gie eccepit illi l-argument huwa wiehed legalment insostenibbli u

dana stante li ai termini tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kwalunque rikavat minn bejgh ta' proprjeta' ta' konjugi wiehed fiz-zwieg u meta applikabbli l-komunjoni tal-akkwisti r-rikavat jitqies bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Finalment il-Kummissarju intimat eccepixxa li huwa m'hu tenut ihallas l-ebda forma ta' kumpens pekunjarju jew non-pekunjarju lill-atturi u cahad kwalunkwe responsabilita' stante li huwa agixxa entro l-parametri tal-Ligi rilevanti u applika dak dispost fil-Ligi.

Illi min-naha tal-kjamat in kawza, l-Avukat tal-Istat eccepixxa li t-talbiet huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu respinti ghar-ragunijiet segwenti. Preliminarjament eccepixxa l-inapplikabilita' tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dana stante li l-fattispecie tal-kaz skont il-kjamat ma jirrigwardawx disputa quddiem xi Tribunal jew Qorti. Jishaq li hawn hekk si tratta minn taxxa imposta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jikkontemplax kwistjonijiet ta' imposizzjoni ta' taxxa addizzjonali ma tistax tkun ghola mir-rikavat tal-bejgh. Il-fatti tal-kaz odjern ma jindikawx ksur tad-drittijiet fundamentali kif sanciti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kkunsidrat li l-Artikolu 6 huwa ntiz sabiex jassigura li matul process gudizzjarju persuna tkun inghatat smigh xieraq u kellha l-opportunita' xierqa li tippartecipa b'mod effettiv fil-proceduri u fil-kaz odjern ma jidhirx li hemm xi lment ta' dan it-tip. Isostni wkoll li fil-procedura tal-kaz odjern ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqasijiet li wasslu sabiex jigi lez dan id-dritt fejn l-atturi nghataw il-fakulta' li jikkontestaw l-imposizzjoni ta' taxxa addizzjonali kemm permezz ta' oggezzjoni lid-Direttur tat-Taxxi u sussegwentament permezz ta' procedura quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. Il-kjamat Avukat ta' l-Istat eccepixxa wkoll in-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedju ordinarju stante li l-atturi abbandunaw l-

appell taghhom mis-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. Eccepixxa wkoll li l-Qorti odjerna fis-sede taghha Kostituzzjonali ma tistax isservi bhala Qorti tat-tielet grad fejn l-atturi mhux jaqblu mad-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jittentaw juzaw dawn il-proceduri sabiex idawru decizjoni li llum il-gurnata hija *res judicata*. Lanqas din il-Qorti ma tista' tigi utilizzata bhala Qorti tat-tielet grad ta' Appell. Fir-rigward tal-pretensjoni li l-attrici Rita Portelli m'ghandha x'taqsam xejn mal-proprjeta' u mal-bejgh u ghalhekk mat-taxxa mposta huwa jsostni li b'dan il-fatt wahdu ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali u wkoll li l-attrici kellha mezzi disponibbli sabiex tikkontesta din id-decizjoni jekk hasset li m'hijiex wahda gusta. L-attrici giet indikata bhala 'persuna li qeghdha titrasferixxi' fuq in-notifika ta' trasferiment li giet sottomessa min-nutar. Fir-rigward l-allegat ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea l-konvenut Avukat tal-Istat eccepixxa li f'dan il-kaz ma jirrizultax li sar xi tehid ta' proprjeta' jew xi interferenza mad-dritt tal-proprjeta' pjuttost il-ftehim ta' trasferiment tal-proprjeta' kien wiehed volontarju. Dan il-punt gja gie trattat u deciz fis-sentenza fl-istess ismijiet Emanuel u Rita mizzewgin Portelli -vs- Avukat Generali et deciza nhar it-22 ta' Frar, 2013 (Rikors numru: 49/2010/1) u ghalhekk eccepixxa r-*res judicata* u din il-Qorti m'ghandiex terga' tiftah din il-kwistjoni. L-imposizzjoni ta' taxxa addizzjonali bl-ebda mod ma tista' titqies illi b'xi mod tilledi dan id-dritt u l-prezz tal-plots trasferiti gie pattwit bejn il-partijiet u ghalhekk bl-ebda mod ma kien hemm ebda imposizzjoni jew interferenza da parti tal-Istat. Fir-rigward l-allegat ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea l-intimat Avukat tal-Istat isostni li dan l-ilment ma giex imfisser. Madanakollu minn dak li fehem huwa li dan l-Artikolu 7 lanqas ma huwa applikabbli u dana stante li l-Artikolu 7 jikkontempla sitwazzjoni ghal kollox

differenti fejn persuna tkun instabet hatja ta' reat li fiz-zmien li wettqitu ma kienx jikkostitwixxi reat. Certament li dak prezenti m'huwiex il-kaz.

**<u>Eccezzjoni Preliminari – Gudizzju mhux integru:</u>**

Illi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu l-intimat Kummissarju tat-Taxxi eccepixxa illi l-gudizzju m'huwiex wiehed integru stante li huwa ma jirrapprezentax lill-Gvern f'qasam fejn tigi attakkata l-kostituzzjonalita' ta' Ligi.

Jigi rilevat illi fis-seduta ta' nhar il-15 ta' Novembru, 2018 il-Qorti kif diversament preseduta ordnat il-kjamat fil-kawza tal-Avukat Generali. Ghal precizazzjoni din il-Qorti tirrileva wkoll li permezz tad-digriet tal-20 ta' Frar, 2020 a fol. 162 tal-process Dr Abigail Caruana Vella talbet il-korrezzjoni fl-isem tal-Avukat Generali u dana sabiex jigi ndikat bhala dak ta' Avukat tal-Istat, liema talba gie milqugha.

Illi stante li f'cirkostanzi simili huwa l-Avukat tal-Istat illi ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern fl-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji (ara Artikolu 2 sub-artikolu 1 tal-Att dwar l-Avukat tal-Istat (Kapitolu 603 tal-Ligijiet ta' Malta)) u stante li effettivament, l-Avukat tal-Istat gie kjamat in kawza u ressaq l-eccezzjonijiet tieghu skont il-Ligi, jirrizulta ghaldaqstant li din l-eccezzjoni giet sorvolata.

**<u>Eccezzjoni Preliminari tal-Kummissarju tat-Taxxi – Azzjoni hija wahda intempestiva maghquda mar-Raba' eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat – Nuqqas ta' ezawriment tar-rimedju ordinarju u l-Hames eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat – Il-Qorti fis-sede</u>**

**Kostituzzjonali taghha ma tistax isservi bhala Qorti tat-Tielet Grad ta' Appell:**

Illi din il-Qorti sejra titratta dawn it-tlett (3) eccezzjonijiet flimkien u dana stante li t-tlieta huma konnessi u relatati ma' xulxin u ghalhekk din il-Qorti thoss li ghal ekonomija tal-gudizzju ghandhom jigu trattati konguntivament.

Illi permezz ta' l-eccezzjoni preliminari, l-intimat Kummissarju tat-Taxxi jeccepixxi li l-azzjoni hija wahda ntempestiva stante li l-atturi ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji kollha disponibbli ghalihom, senjatament l-appell mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva moghtija fit-22 ta' Jannar, 2015 Rikors numru: 21/2012 fl-ismijiet Emanuel Portelli et -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni billi minkejja li appellaw mid-decizjoni huma abbandunaw il-procedura b'tali mod li l-appell mar dezert fid-19 ta' Dicembru, 2017 (ara provvediment moghti mill-Qorti ta' l-Appell a fol. 41 u fol. 42 tal-process).

Illi min-naha tal-intimat Avukat tal-Istat fir-raba' eccezzjoni tieghu eccepixxa wkoll nuqqas ta' ezawriment tar-rimedju ordinarju meta l-atturi konjugi Portelli abbandunaw l-appell taghhom mis-sentenza datata 22 ta' Jannar, 2015 tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. Filwaqt li fil-hames eccezzjoni tieghu eccepixxa li l-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali taghha ma tistax isservi bhala Qorti tat-tielet grad ta' appell. F'dan ir-rigward huwa kkwota estensivament mid-decizjoni fl-ismijiet Raymond Zammit -vs- Avukat Generali deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-27 ta' Marzu, 2013 (*recte 2014*).

Illi ghalkemm ir-rikors huwa wiehed intavolat fil-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), u t-talbiet imressqa huma sabiex jigi

ddikjarat vjolazzjoni tad-drittijiet tal-atturi konjugi Portelli kif sanciti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u l-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, minn titwila lejn it-talbiet u l-premessi, jirrizulta bic-car li l-atturi konjugi Portelli m'attakkawx il-Ligi, partikolarment l-artikoli relattivi hekk kif kontenuti fl-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta). Minn ezami, anke superficjali, jirrizulta li l-atturi konjugi Portelli bil-kawza odjerna qed jattakkaw id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li npona taxxa addizzjonali fl-ammont ta' €31,080 liema taxxa addizzjonali tammonta ghal kwazi d-doppju tal-prezz tal-plots kif mibjuha permezz ta' kuntratt datat 5 ta' Awwissu, 2010 fl-atti tan-Nutar Roland Wadge. Dan jirrizulta mill-paragrafu 13 tal-premessi, fejn l-atturi konjugi Portelli sostnew illi huma *'... jtennu illi l-impozizzjoni tal-imsemmija multa tikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fondamentali kif sanciti fl-Artikolu 1, Protokoll 1, Artikolu 6 u Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar d-Drittijiet Fondamentali.'* Dan jirrizulta wkoll minn nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi ntavolata fir-registru nhar il-5 ta' Mejju, 2020 fejn fil-punt 28 iddikjaraw ukoll illi l-kawza *'...tikkoncerna d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li sussegwentament ghal imsemmi kuntratt, jimponi u jezigi hlas ta' taxxi addizjonali u multi.'*

Illi mid-deposizzjoni tal-attur Emanuel Portelli moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 79 *et seq* tal-process, din il-Qorti tinnota li huma ftit, jekk mhux xejn, l-accenni li saru ghall-allegat vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali. Frankament, din il-Qorti thoss li l-attur meta gie biex jaghti d-deposizzjoni tieghu ma avvanza l-ebda argument siewi fir-rigward l-allegat ksur tad-drittijiet fondamenti tieghu, pjuttost id-deposizzjoni kienet riepilogu tal-fatti kif graw, deposizzjoni li kienet aktar tixraq quddiem Tribunal jew Qorti diversa minn dik odjerna li qieghda fis-sede Kostituzzjonali. Din il-Qorti ma tistax tinjora dan il-fatt

fejn huwa evidenti li l-atturi konjugi Portelli qeghdin jittentaw jinvertu l-kompetenza ta' din il-Qorti ghal wahda tat-tielet grad ta' Appell sabiex jirrevedu l-mertu tal-kawza gja deciza mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva permezz ta' decizjoni tat-22 ta' Jannar, 2015. Din il-Qorti taqbel ma dak iddikjarat mill-Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ntavolata nhar l-4 ta' Mejju, 2020 fir-rigward li l-Qorti odjerna ma tistax isservi bhala Qorti ta' l-Appell. Dan premess, referenza ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet **Charmaine Farrugia et -vs- Il-Ministeru ghall-Familja u Solidarjeta' Socjali et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar it-8 ta' Awwissu, 2013 fejn fir-rigward inghad is-segwenti:

> 'Din il-Qorti tibda biex tirribadixxi li bhala Qorti b'kompetenza kostituzzjonali/konvenzjonali ma tistax isservi bhala qorti tat-tielet grad, ossia bhala qorti tal-appell, minn decizjoni li maghha r-rikorrent ma jaqbilx. mhix kompetenza ta' din il-Qorti tirrevedi l-meritu tal-kaz u d-diskrezzjoni tal-Qorti, izda li trid tara huwa jekk lir-rikorrenti nghatawx smigh xieraq u li l-Qorti aditta kkunsidrat l-interess tal-minuri u tal-familja fil-kaz. L-ordni in kwistjoni giet debitament mistharrga mill-qorti kompetenti, u r-rikorrenti ma jistghux jippretendu li jkollhom stharrig tal-kaz sakemm ikun hemm tribunal li fl-ahhar jiddeciedi favur taghhom. Ma jezistix, fil-kamp civili, dritt ta' appell bhala dritt fundamentali tal-bniedem u sakemm dak li jkun ikollu cans wiehed li jitlob rimedju ghal-lanjanzi tieghu quddiem Qorti imparzjali u indipendenti, ma hemmx lok ta' stharrig ulterjuri, diment li l-process quddiem il-Qorti jkun wiehed gust. F'dan il-kaz, il-Qorti kompetenti kienet zgur imparzjali u indipendenti, u dak li jrid jigi mistharreg hu jekk il-process, fit-totalita' tieghu, kienx

> wiehed gust u jekk, fic-cirkostanzi tal-kaz, gewx mehuda in konsiderazzjoni l-aspetti marbuta mal-protezzjoni tal-familja.'

Illi ghalkemm it-talbiet tar-rikors odjern jadducu li r-rikors huwa wiehed kostituzzjonali, kif impostata l-kawza u l-provi prodotti, huwa evidenti li r-rikors mhu xejn ghajr ghal appell forma ta' rikors kostituzzjonali mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u l-Qorti tazzarda tghid ukoll Appell ulterjuri mid-decizjonijiet fil-mertu dwar il-vertenza li ordnat il-bejgh tal-proprjeta' in kwistjoni u dan in vista tal-insistenza, anki f'dan ir-rikors da parti, tar-rikorrenti li la darba huma ma dehrux ghall-kuntratt izda deher kuratur ghan-nom taghhom allura skonthom aktar u aktar huma ma jistghu jitqiesu li ghamlu xejn kontra l-ligi. Il-Qorti rat mill-atti kemm dawk odjerni izda partikolarment dawk annessi li r-rikorrenti tul id-diversi proceduri hadu attitudni li jinjoraw il-proceduri, ma jattendux il-Qorti u wkoll ma jidhrux ghall-kuntratt ordnat mill-Qorti daqs li kieku jekk huma jzommu l-boghod l-effetti legali tal-istess ma jistghux imissu lilhom!

Illi din il-Qorti lanqas taqbel ma dak iddikjarat mill-atturi konjugi Portelli fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom a fol. 195 *et seq* tal-process fejn inghad illi:

> 'Illi pero' minn dak pprovdut f'Kapitolu 364, jirrizulta car, illi l-appell mis-sentenza moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva probabilment ma kienx ser iwassal ghal decizjoni favorevoli fil-konfront tal-esponenti u ghalhekk l-appell ma kienx ser jipprovdi rimedju effettiv u effikaci fil-konfront tal-esponenti.'

Minn dak appena citat, jirrizulta aktar bic-car li l-atturi m'humiex jikkontestaw l-kostituzzjonalita' tal-artikoli tal-Kapitolu 364 u frankament dak li qed jittentaw bil-proceduri odjerni huwa li jiehdu mill-foro Kostituzzjonali dak li ma nghatax mit-Tribunal. Kif tajjeb gie ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet **Ryan Briffa -vs- Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-20 ta' Marzu, 2014 illi:

> 'Biex ir-rimedju jitqies effettiv m'hemmx ghalfejn li jintwera li r-rimedju se jaghti lir-rikorrent success garantit imma jkun bizzejjed li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci.'

Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-eccezzjoni tal-intempestivita' stante li l-atturi konjugi Portelli kellhom il-possibilita' ta' appell u ma segwewhx u ghal dan in-nuqqas regghu ttentaw jressqu t-talba taghhom taht forma ta' rikors kostituzzjonali. Dan johrog ferm aktar car minn nota ta' sottomissjonijiet tal-istess atturi fejn bhala rimedju qed jitolbu l-hlas lura tal-ispejjez li ghamlu sabiex jikkontestaw it-taxxa addizzjonali/multa mposta, r-revoka tal-istess taxxa addizzjonali/multa u r-revoka tal-effetti tas-sentenzja tat-Tribunal li kkonfermat l-istess imposizzjoni tal-istess.

Illi din il-Qorti, *dato ma non concesso*, possibilment setghet tasal ghall-konkluzjonijiet diversi li kieku permezz tar-rikors kostituzzjonali taghhom ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti tiddikjara bi ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom l-artikolu tal-ligi li tahtu l-Kummissarju ntimat impona t-taxxa addizzjonali in kwistjoni u se mai in-nuqqas ta' diksrezzjoni tieghu li jelimina ghal kollox l-imposizzjoni tat-taxxa addizzjonali/multa mposta f'cirkostanzi bhal dawk odjerni fejn ir-rikorrenti gew ordnati jersqu ghall-kuntratt ta' bejgh permezz ta' decizjoni tal-Qorti.

Pero' dan ir-rikorrenti mkien ma talbuh tant li fir-rikors kostituzzjonali promotorju odjern lanqas biss issemma l-artikolu tal-ligi li tahtu l-Kummissarju ntimat mpona t-taxxa addizjonali/multa kontestata.

Illi din il-Qorti wkoll ma tistax tinjora li bhala bazi tar-rikors kostituzzjonali odjern ntuzat bhala premessa l-pretensjoni tar-rikorrenti li jsostnu li l-multa/taxxa addizzjonali fis-somma ta' wiehed u tletin elf u tmenin Euro (€31,080) hija eccessiva billi hija izjed mir-rikavat mill-bejgh tal-proprejta'. Dan il-Qorti qed tenfassizah stante li rrizulta mill-atti li l-atturi rikorrenti inghataw l-opportunita' (qabel ma l-kontestazzjoni sahansitra waslet quddiem il-Qrati u cioe' t-Tribunal) li jhallsu penali ferm ridotta fis-somma ta' tlett elef, mija u tmien Euro (€3,108) (ara dokument a fol. 125 tal-process) u tinnota partkolarment li dan ma ssemma mkien fil-premessi tar-rikors kostituzzjonali odjern. Huwa ghalhekk ferm diskutibbli jekk l-imposizzjoni ta' multa/taxxa addizzjonali f'dan l-ammont hekk ridott tistax titqies minn Qorti Kostituzzjoni bhala mhux proporzjonata u ghalhekk li tissodisfa l-element ta' proporzjonalita' nvokat mir-rikorrenti. Jirrizulta mill-atti li kienu r-rikorrenti li naqsu milli jhallsu din il-multa/taxxa addizzjonali kif ferm ridotta u kien biss konsegwenza tan-nuqqas ta' qbil da parti taghhom li jhallsu l-ammont hekk li rizultat ta' hekk effettivament din il-multa ridotta spiccat telghet ghas-somma kontestata fil-kaz odjern ta' oltre wiehed u tletin elf ewro (€31,000). Il-Qorti tqis li ta' dan jistghu jahtu biss ir-rikorrenti u ebda parti ohra fil-proceduri u li ma hemm xejn mill-aspett kostituzzjonali li jisthoqq li jigi mistharreg.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll f'dan l-istadju ghax-xiehda ta' Josette Galdes rapprezentanti tal-Kummissarju tat-Taxxi li dwar dan il-punt xehdet kif isegwi a fol. 128:

'Ghax l-ammont mitlub mid-Dipartiment huwa additional duty, mhux duty.  Allura hija fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju li jilhaq ftehim li seta' inaqqasha.  U kien hemm abbozz ta' ftehim mas-Sur Portelli illi din il-multa jew additional duty tigi imnaqqsa ghal 10 %.  U fil-fatt hawnhekk ghandi l-abbozz ta' dan il-ftehim, pero' s-sur Portelli ma kienx qabel mieghu, qatt ma ffirmah.'

Illi in vista li t-talbiet tar-rikorrenti kif aktar spjegati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom stess fir-rikors odjern huma li din il-Qorti tiprovdi kumpens ghall-ispejjez nkorsi sabiex tigi attakkata l-multa/taxxa addizzjonali mposta u wkoll it-talba ghar-revoka tal-istess multa/taxxa addizzjonali kif imposta mill-Kummissarju intimat u konfermata mit-Tribunal, din il-Qorti ma jibqghalha l-ebda dubju li dak li qed jittentaw jaghmlu r-rikorrenti permezz tar-rikors odjern huwa appuntu appell ulterjuri mill-istess decizjonijiet u dan stante li fil-fora tat-Tribunal u l-Appell (li waqa dezert konsegwenza tal-agir tal-istess rikorrenti – ara d-digriet a datat 19 ta' Dicembru, 2017 fl-atti tal-appell 21/12 anness) dawn ir-rimedji setghu legalment jinghataw li kieku r-rikorrenti pprosegwew bl-appell flok hallewh jaqa' dezert u li kieku l-appell taghhom possibilmet gie milqugh.

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' intempestivita' stante li jirrizulta li l-atturi ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji li l-ligi kienet tipprovdilhom u wkoll tilqa' l-hames eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat stante li fid-dawl ta' dak kollu suespost l-Qorti fis-sede Kostituzzjonali ma tistax isservi bhala Qorti tat-tielet grad ta' appell.

**<u>L-ilment li r-rikorrenti Rita Portelli ma kinitx il-proprjetarja tal-proprjeta' trasferita u li ghalhekk il-multa/taxxa addizzjonali ma kellhiex tigi mposta fuqha:</u>**

Il-Qorti dwar dan il-punt taghmel referenza partikolari ghal zewg dokument esebiti fl-atti kif isegwi:

1. Ir-rikors datat 6 ta' Mejju, 2010 (esebita fol. 94 et seq tal-process) minn fejn jirrizulta li dan il-punt tqajjem minn Nutar Dr. Roland Wadge quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u talab li jinghata direzzjoni dwaru. Fil-fatt dik l-Onorabbli Qorti ddekretat kif isegwi:

'Tosserva li l-"problemi" li issa qed jindika r-rikorrent qatt ma ngabu a konjizzjoni tal-Qorti mill-partijiet, u ghalhekk issa hadd ma ghandu jipprova jinqeda bihom biex jistultifika l-ezekuzzjoni tas-sentenza finali;

Dwar dak indikat fil-paragrafu (a), ir-rikorrenti ghandu jipprocedi skond is-sentenza. . . '

B'dana li jirrizulta lil din il-Qorti li kienet l-Onorabbli Qorti tal-Appell li ordnat lin-Nutar sabiex jipprocedi bil-pubblikazzjoni tal-kuntratt b'Rita Portelli indikata wkoll bhala venditrici.

2. Il-kopja tal-Avviz fit-termini tal-Att. 364 (Att dwar it-Taxxa fuq dokumenti u Trasferimenti) esebit a fol. 107 et seq. tal-process minn fejn jirrizulta li kien in-Nutar nominat mill-Qorti sabiex jippubblika l-kuntratt li ndika, kif appuntu kien gie ordnat li jaghmel mill-Qorti, fil-kolonna 'min jittrasferixxi' li kienet wkoll Rita Portelli li qed titrasferixxi l-proprjeta. A fol. 126 tal-process

ix-xhud Josette Galdes Direttur Taqsima tat-Taxxa fuq il-proprjeta' tal-Kummisarju tat-Taxxi Interni xehedet:

'In-nutar ikun pprezenta l-formola l-ewwel skeda li din hija prescribed fil-ligi li permez taghha jkun hawn id-dettalji kollha tal-kuntratt u jaghtina l-hlas tat-taxxi ukoll.'

A fol. 130 et ergo kompliet tixhed li fl-avviz ta' trasferiment is-Sinjura Portelli kienet imnizzla bhala wahda mill-bejjiegha u ghalhekk it-taxxa addizzjonali ntalbet minnha wkoll.

Il-Qorti tqis li l-Kummissarju ntimat ma kellu x'jaqsam xejn la mad-decizjoni mehuda fid-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell hawn fuq kwotat u anqas mal-mili tal-Avviz msemmi li konsegwenza taghhom l-istess Kummissarju legalment kien marbut li kwalunkwe t-taxxa addizzjonali/multa jimponiha fuq iz-zewg vendituri ndikati lilu u ghalhekk dan l-ilment da parti tar-rikorrenti wkoll mhux gustifikat.

**<u>Konkluzjoni:</u>**

Il-Qorti in vista tal-konkluzjonijiet suesposti li jwassluha sabiex tichad in toto t-talbiet atturi, tqis li f'dan l-istadju jkun inutli li tinoltra ruhha oltre fil-pretensjonijiet tal-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dan l-ilment kostituzzjonali billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat u l-kjamat fil-kawza sakemm dawn huma

kompatibbli ma' dawk hawn fuq deciz tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors kostituzzjonali odjern.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**8 ta' Lulju, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**8 ta' Lulju, 2020**